**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 9** **Nhar l- Erbgha 19 ta ' February, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-4:30pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti** – Sindku
- **Joyce Bray** – Kunsilliera
- **Martin Vella** – Kunsillier
- **Ralph Mangion** – Viċi Sindku
- **Ryan Sciberras** – Kunsilliera
- **Aaron Caruana** – Kunsillier
- **Jessica Borg** – Kunsilliera
- **Conrad Borg Manche** – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Tania Borg** – Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy** Farrugia **– Segretarju Eżekuttiv**

**ASSENTI**

**Ħadd**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**9.1 Preżenza**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti:

- Neville Chetcuti, Ralph Mangion, Joyce Bray, Martin Vella, Conrad Borg Manche, Ryan Scibberas, Aaron Caruana, Jessica Borg

**9.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji**

9.2.1 Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija u nfetħet bi talba mis-Sindku Neville Chetcuti.

9.2.2 Is-Sa. Mandy Farrugia, Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermat li waslet ittra ta' apoloġija mingħand kunsillier assenti.

**9.3 Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti**

9.3.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti kienu mqassma lill-membri u ttieħdu bħala moqrija.

9.3.2 Regward minuta 8.4.2 – Is-Sindku informa lill-membri li fit-triq Manoel De Vilhena x-xogħol beda.

9.3.3 Regward minuta 8.4.5 – **Gżira Sailing Club - Food Truck**
Il-Kunsill iltaqa' mal-Gżira Sailing Club u spjega li l-Kunsill laqa' t-talba biex jiġi installat electricity meter għall-użu biss tad-dawl biex it-tfal jaraw fejn qed jimxu, u biex ikollhom id-dawl id-dgħajjes, iżda żgur li ser joġġezzjona biex issir Food Truck.

9.3.4 Regward minuta 8.6.2 – **Aġġornament tal-Attivitajiet**

Il-Kunsilliera Jessica Borg ippreżentat lista ta' attivitajiet ippjanati:

- **Frar 25**: Regatta
- **Marzu 2**: Karnival
- **Marzu 5**: Redentur u Purċissjoni bil-Banda
- **18 ta' April**: Il-Ġimgħa l-Kbira – Ġurnata Għawdex
- **15 ta' Mejju**: Jum il-Gżira
- **It-Tieni Ġimgħa ta' Lulju**: Festa Gżira
- **14 ta' Lulju**: Xalata

- **16 ta' Awwissu**: Lejla Maltija
- **Settembru**: 3 ijiem fi Sqallija
- **Novembru**: Weekend Break (31-2)
- **Diċembru**: Christmas Village

**9.4 Korrespondenza mis-Sindku**

**9.4.1 Proposal for Setting Up a School Crossing Patrol and Walking School Bus Cooperative**
Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u qabel unanimament li jissieħeb f'din l-inizjattiva. Is-Segretarju Eżekuttiv se javża lir-Reġjun li l-Kunsill huwa interessat jieħu sehem, b'għan li jiżdied is-sigurtà tat-tfal waqt l-ivvjaġar lejn l-iskejjel.

**9.4.2 Xogħol Enemalta**
Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li x-xogħol tal-Enemalta fit-toroq viċin il-Madonna tal-Ġebla beda u li l-Kunsill iddeċieda li jwaqqaf temporanjament il-permessi fi Triq Luqa Briffa sakemm jitlesta x-xogħol. Dan sabiex jiżgura li l-infrastruttura tkun installata b'mod sigur u effiċjenti.

**9.4.3 Project Green - Kubrit Street**
Is-Sindku spjega li kienet ippjanata konsultazzjoni pubblika dwar il-proġett ta' rinovar f'Kubrit Street għall-5 ta’ Marzu fis-6:00 PM. Madankollu, peress li dakinhar kien hemm l-attivitajiet relatati mar-Redentur, il-Kunsilliera Jessica Borg issuġġeriet li l-appuntament jiġi pospost għat-12 ta’ Marzu fis-6:00 PM. Din il-konsultazzjoni se ssir fis-Sala tal-Kunsill (Savoy Gardens) u se tkun miftuħa għar-residenti.

***9.4.4 Manoel Island***

*Il-Grupp tal-Midi ħa ħsieb li jneħħi l-periklu, peress li l-pont kien qed jikkawża li n-nies jaqgħu jew iweġġgħu minħabba ż-żliq. Biex isolvu s-sitwazzjoni, girfu t-tarmak*

**9.4.5 Community Policing**
Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa fejn iddiskutew il-bżonnijiet tas-sigurtà fil-lokalità. Fost il-punti ewlenin imsemmija, kien hemm il-bżonn li l-uffiċjali tal-Community Policing jibdew jaraw il-permessi kollha mogħtija u jżonu preżenti fit-toroq aktar spiss biex jinnota kwalunkwe problemi jew inżvanzjonijiet.

**9.4.6 – Direttorju Diġitali għall-Ġimgħa l-Kbira**

Is-Sindku informa lir-Regjun li l-lokalitajiet li se jorganizzaw attivitajiet għall-Ġimgħa l-Kbira għandhom jinfurmawh sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu inklużi fid-direttorju diġitali.

**9.4.7 Tower Crane Stuard -**

Il- Kunsill approva il- permess ghall- tower crane fit- triq Sir Patrick Stuard

**9.4.8 Football Tournament - Reġjun**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien hemm laqgħa li attendaha fejn ir-Reġjun ser jagħmel tournament tal-football bejn il-lokalitajiet. Is-Sindku informa li Gżira m'hemmx nursery iżda tkellem mas-Segretarju tal-klabb tal-football biex jara jekk jistgħux jagħqdu tim.

**9.4.9 Zebra Crossing – Rue D'Argens**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm talba biex issir zebra crossing fi Triq Rue D'Argens ħdejn il-hairdresser, iżda l-Kunsill ma approvax peress li fit-triq hemm diġà traffic lights u zebra crossings fil-viċinanza. Sema' wkoll li jekk issiru zebra crossings, jintilfu parking bays.

**9.4.10 Notifiki dwar Jungle Joy**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li s'issa l-Kunsill qatt ma rċieva ebda notifiki relatati ma' Jungle Joy.

**9.4.11 Waterfront Hotel**

Il-Waterfront Hotel iddeċieda li jgħin lill-Kunsill billi offra kontribuzzjoni ta' €3,000 bħala parti minn inizjattiva ambjentali. Din l-inizjattiva tinkludi inkoraġġiment lill-klijenti tal-lukanda biex ma jibdlux il-lozor ta' l-imwejjed u tas-sodod ta' spiss, biex b'hekk titnaqqas il-konsumazzjoni eċċessiva tal-ilma u d-deterġenti.

**9.4.12 Football Tournament - Reġjun**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien hemm laqgħa bejn il-Kunsilli Lokali tar-Reġjun, fejn ir-Reġjun iddeċieda li jorganizza tournament tal-football bejn il-lokalitajiet. Peress li f'GŽira m'hemmx nursery tal-football attiva, is-Sindku tkellem mas-segretarju tal-klabb tal-football sabiex jara jekk jistax jiġi ffurmat team rappreżentattiv tal-lokalità.

**9.4.13 Zebra Crossing – Rue D'Argens**

Is-Sindku infurmat lil-Kunsill li sarit talba biex jinħoloq zebra crossing fit-Triq Rue D'Argens, ħdejn il-hairdresser. Però, il-Kunsill m accettax din it-talba għax diġà hemm lights tat-traffiku u zebra crossings fil-viċinanza. Ġew ukoll imressqa t-tamiet li jekk jinħolqu zebra crossings oħra, jitilfu l-postijiet għall-parking.

**9.4.14 Spark Refuse Festival**

Il-Kunsill approva li jsir il-Festival Spark Refuse. il-Kunsill ser jinforma lill-organizzaturi tat-tombla li l-attività tal-tombla ma ssirx fil-22 ta' Ġunju bejn l-4:00 PM u l-11:00 PM sabiex ma jkollux kunflitti mal-festival.

**9.4.15 Lokazzjoni tal-BCRS Hub**

Il-Kunsill irċieva email minn BCRS li tikkonferma li ġie approvat it-tieni hub tal-BCRS ħdejn il-Pixxina Nazzjonali fit-Triq Maria Teresa Spinelli. Dan hu pass ‘il quddiem biex l-il- magni kun aktar faċli u aċċessibbli.

**9.4.16 Proposta ta’ L-Uffiċċju Ġdid – Triq San Albert**

Is-Sindku wera lill-Kunsill il-pjan tal-post għal uffiċċju ġdid li ġie offrut mill-kuntrattur. Iżda, il-kunsilliera ma aċċettawx il-proposta kif hi u talab li jsiru xi tibdiliet qabel ma jagħmlu deċiżjoni finali. Se jsiru aktar diskussjonijiet biex jiġi adattat għall-bżonnijiet tal-Kunsill.

**9.4.17 Bandli – 3 swing seat with stainless steel chains**

Il-Kunsill irċieva l-istima għat-tliet swings li għandhom ċinturini tal-stainless steel. Il-prezz tal-proposta kien ta’ €759.33. Il-Kunsill approva dan il-ħlas biex isiru l-bidliet meħtieġa u jiġi żgurat li il- bandli ikunu sigur u durabbli.

**9.4.18 Talba għat-tneħħija ta’ parking bay**

Il-Kunsill Lokali Gżira rċieva ittra fejn intalab li titneħħa parking bay mit-triq minħabba li l-applikant ma jistax jipparkja fi Triq N. Cottanier.

Wara diskussjoni, ġie nnotat li l-applikant diġà ngħata spazju ta' 1.2 metru għal parkeġġ. Fid-dawl ta’ dan, il-Kunsill iddeċieda li ma jaċċettax it-talba għat-tneħħija tal-parking bay.

**9.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

9.5.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-CCTV Camera ħdejn il-Knisja. Is-Sindku spjega li x-xogħol għaddej iżda kien hemm problema minħabba d-dawl.

9.5.2 Il-Kunsillier Martin Vella qal li hemm problema b’xi kenniesa li mhux qed jaħdmu kif suppost u qed jisfrattaw lil oħrajn. Kif ukoll, hemm bins li qed idumu biex jitbattlu.

**9.6 Unadited Financial Statements mill-Accountant**

Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss peress li l-accountant ma setax jidħol.

**9.7 Skemi u Inizjattivi**

**9.7.1 Skema SPI.SCI.02.2025 – Skema ghall- Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026**

Dwar din l-iskema gie deciz b mod unanimu mil- kunsilliera li issir attivita fix xatt fil 5u fis 6 ta Lulju . din lattivita ghanda tinkludi kant folklore kif ukoll kant u zfin modern.

**9.7.2 Skema SPI.SCI.03.2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa 2025**

Dwar din liskema il- kunsill qabel li niehdu sehem , ser nilkomunikaw mar Regjun biex nergaw naghmlu attivita ohra biex inadfu il- bahar u madwar .

**9.7.3 Skema SPI.SCI.04.2025 – espressjoni ta Interess - Milied 2025**

Din l-iskema ma gietx diskussa izda ser terga tigi diskussa il- laghqa li jmis

**9.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

L-iskeda 5/9 ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsillier Martin Vella, sekondata mill-Kunsilliera Jessica Borg.

**9.9 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 PM. Is-seduta li jmiss se ssir nhar it-19 ta’ Frar, 2025 fis-4:30pm.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |